MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 278/1986/1

**Thomas Busuttil bhala Managing Director ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija TEG Industries Ltd.**

**vs.**

**Publius Farrugia bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Invicta Ltd.; u b'digriet tas-17 ta' Jannar 1992 stante l-mewt ta' Publius Farrugia, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Charles Farrugia u Alfred Farrugia fil-kwalitajiet taghhom bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta Invicta Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' Marzu 19086 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-attur nomine jimmanifattura “pushchair buggies” tal-marka “Maclaren”, u dana taht licenzja moghtija lilu mill-kumpanija “Andrew Maclaren Ltd.” ta’ Northampton, Ingilterra;

Illi l-konvenut nomine, li jiggestixxi negozju simili ghal dak tal-attur nomine, xerred diversi xnieghat foloz fuq l-attur nomine u l-industrija tieghu fuq imsemmija mal-Awtoritajiet kompetenti, u dana b l ksur tad-divjet impost fuq in-negozjanti bis-sahha tal-Artikolu 38(1) tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 17 tal-Ligijiet ta’ Malta – Edizzjoni Riveduta) – kif jigi ipprovat ahjar filwaqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi, bhala konsegwenza diretta u rizultat tal-agir ghal kollox abusiv u illegali da parti tal-konvenut nomine, liema agir jikkostitwixxi konkorrenza zleali, gie mizmum mill-Awtoritajiet kompetenti milli jkompli bil-produzzjoni tal-manifatturar tal-istess “pushchair buggies” tal-marka “Maclaren” billi nzammitlu l-licenzja necessarja u relattiva;

Illi, bhala rizultat, l-attur nomine qieghed isofri danni sostanzjali u rilevanti, u dana kollu minhabba l-agir abusive u illegali tal-konvenut nomine – liema danni jigu ipprovati fid-dettal filwaqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi, nonostante illi l-konvenut nomine kien gie interpellat sabiex minnufih u bla ebda dewmien jiddisdigi ruhu mill-allegazzjonijiet kollha maghmula kontra l-attur bil-protest tat-18 ta’ Ottubru 1985, dana baqa’ ghal kollox inadempjenti;

Talab li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut nomine kiser il-projbizzjoni fuqu imposta bhala negozjant bl-Artikolu 38(1) tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 17 tal-Ligijiet ta’ Malta – Edizzjoni Riveduta), u dana ghad-dannu tal-attur nomine;

(2) Tillikwida, okkorrendo per opera di periti nominandi, id-danni kollha li l-attur nomine sofra bhala rizultat tal-konkorrenza sleali prattikata kontra tieghu mill-konvenut

nomine – salvi dawk id-danni kollha futuri li l-istess attur nomine ghad jista' jsofri sakemm l-att li jikkostitwixxi konkorrenza sleali ma jigix imnehhi u mwarrab mill-konvenut nomine billi jiddisdigi ruhu pubblikament mill-allegazzjonijiet u xnieghat foloz li xerred kontra l-istess attur nomine;

(3) Tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas lill-attur nomine dik is-somma li tkun giet likwidata minn dina l-istess Qorti skond id-domanda precedenti, u dana in linea ta' danni; u

(4) Tapplika kull rimedju iehor kontra l-istess konvenut nomine, liema rimedju jkun kapaci, skond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jwarrab u jnehhi l-att li jikkostitwixxi l-konkorrenza sleali; u li jinghataw minn dina l-istess Qorti dawk il-provvedimenti kollha opportuni intizi sabiex jirrendu ruhhom effikaci dawk l-Ordinijiet kollha li jkun hemm bzonn a tutela tad-drittijiet tal-attur nomine.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Protest tat-18 ta' Ottubru 1985 kontra l-konvenut nomine li gie ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

(1) Illi mhux minnu li huwa kiser il-projbizzjoni imposta fuqu bhala negozjant bl-artikolu 38(1) tal-Kodici tal-Kummerc, ghad-dannu tal-attur nomine. L-eccipjent ma xerred l-ebda xnighat foloz fuq l-attur nomine. Ghalhekk, l-ewwel talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

(2) Illi konsegwentement m'hemmx danni ghal konkorrenza sleali x'jigu likwidati, u inoltre m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ebda danni;

(3) Illi r-raba' talba wkoll hija infondata. Ghalhekk m'ghandu jinghata l-ebda rimedju iehor minhabba konkorrenza sleali.

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Ottubru 1986 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Zammit Maempel bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat il-verbal tal-15 ta' Frar 1999 fejn l-imsemmi perit legali talab li jigi ezentat mill-inkarigu tieghu u d-digriet ta' l-istess jum fejn il-Qorti awtorizzatu jirritorna l-atti fil-pussess tieghu;

Rat il-verbali kollha tax-xhieda, id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

In lineja preliminari jigi osservat illi fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu l-konvenut nomine qal illi s-socjeta` attrici tinsab *“in liquidation”* u ghandha ssir l-legittimazzjoni ta’ l-atti sabiex jidhol fil-kwza l-istralcjarju. Il-konvenut nomine ma pprovda l-ebda informazzjoni dwar meta s-socjeta` attrici marret *“in liquidation”* u l-anqas min huwa l-istralcjarju. Inoltre n-nota msemmija giet notifikata lid-difensur tas-socjeta` attrici li ma ha l-ebda passi fuq l-allegazzjoni tal-konvenut nomine. Naturalment, f’tali nuqqas, is-socjeta` konvenuta setghet hadet il-passi mehtiega hi kieku riedet u kieku tali allegazzjoni kienet wahda serja. Fi kwalunkwe kaz, stante li, meta saret l-imsemmija allegazzjoni, il-kawza kienet diga` differita ghas-sentenza, din il-Qorti sejra tipprocedi bis-sentenza u sejra, fl-ewwel lok, tirreferi ghax-xiehda mismugha.

**L-attur nomine** xehed li s-socjeta’ attrici kellha ftehim mad-ditta Andrew Maclaren ta’ l-Ingilterra sabiex timmanifattura *buggies* taht l-isem *McLaren*. Ghalhekk hu kien ottjena l-licenzja ghall-importazzjoni relattiva u

ghadda sabiex importa l-materjal u l-*fittings* minghandhom. Meta mbaghad kien ghadda ghall-manifattura u s-sussegwenti bejgh. Hu kellu materjal ghal elfejn *buggy* u kien ipprogetta li jimmanifattura mitejn fix-xahar u jghaddihom lil Anthony Zammit, agent f'Malta tal-*Maclaren* sabiex jiddistribwixxihom esklussivament. Pero` mbaghad bdew l-attakki kontrih. Dan kien ghall-habta ta' Awissu, 1985, meta kien diga` hadem madwar hames mitt *buggy*. Ipprometta li jipproduci l-prova dokumentarja fir-rigward ta' dan kollu.

Dak li kien gara hu li Anthony Zammit mar ighidlu li kien qed isibha difficli li jbiegh il-*buggies* ghaliex kien hemm rapprezentant tal-konvenut nomine li kien qed ixerred ix-xniegha li l-*buggies* kienu dahlu permezz ta' kuntrabandu u ghalhekk kienu ser jingabru mill-Pulizija. Il-konvenut nomine kien l-unika persuna ohra li kien jahdem il-*buggies* u l-*pushchairs* dak iz-zmien. Imbaghad kienu marru wkoll rapprezentanti tad-Dipartiment tat-*Trade*, dak ta' l-Industrija, kif ukoll tal-Pulizija sabiex jinvestigaw l-allegazzjoni tal-konvenut nomine li x-xoghol tieghu ma kienx skond il-licenzja. Anzi l-Pulizija kienu qalulu li kienu qeghdin jinvestigaw kaz ta' kontrabandu.

Ghal erba' darbiet l-Ispettur Angelo Farrugia kien ordnalu sabiex jieqaf u mbaghad sabiex jerga' jkompli bix-xoghol. Dan kien sejjahlu sabiex imur il-Kwartieri Generali tal-Pulizija, fejn imbaghad kien ghamel xi stqarrijiet. B'dana pero` li l-Pulizija qatt ma kienet resqitu quddiem il-Qorti, pero` gew mizmuma l-licenzji ta' mportazzjoni mid-Dipartiment tat-*Trade* sal-bidu ta' Mejju, 1987.

Fl-1986 hu kien gie specifikatament mitlub mill-imsemmi Spettur sabiex jitla' l-Kwartieri Generali fir-rigward ta' rapport minghand il-konvenut nomine dwar li kien xahham lill-Ministru Lino Spiteri b'ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) sabiex tinhareg il-licenzja ta' importazzjoni. L-Ispettur qallu li meta hu kien kellem lill-Ministru, dan kien qallu li ma kien jaf xejn dwarha. Imbaghad madwar hmistax-il gurnata wara l-Ispettur kien ordnalu sabiex jieqaf mix-xoghol peress li l-konvenut nomine kien mar bil-gazzetta *Daily Mirror* ghand il-Prim Ministru, liema kienet

tghid li l-*buggies* tad-ditta *Maclaren* kienu kkundannati ghaliex tarbija kienet korriet f'incident. Ghalhekk, hu kien ikkomunika ma' dik id-ditta u dawn baghtulu rapport fejn ikkonferma li l-affari kienet giet rizolta l-Ingilterra. Ghalhekk talab lill-Ispettur sabiex ikompli jahdem, izda sad-data tas-seduta dan ma kien tah l-ebda risposta.

Hu kien ikkomunika wkoll diversi drab mad-Dipartiment tat-*Trade*, izda dawn kienu rrispondew li applikazzjonijiet ghal licenzji simili kienu gew rifjutati. Il-Ministru Lino Spiteri meta kitiblu lanqas biss irrisponda. B'hekk hu kien kecca lill-hmistax-il haddiema tieghu. Il-bank imbaghad beda jinsisti li jillikwida meta l-attur nomine ma bediex jonora l-obbligi tieghu.

In kontro-ezami l-attur nomine spjega li hu kellu permess minghand il-Pulizija u permess sabiex jimporta mahrug mid-Dipartiment tat-*Trade*, b'dana li ma kienx jaf jekk kien hareg fl-istess zmien in-nuqqas ta' oggezzjoni min-naha tad-Dipartiment ta' l-Industrija.

Ipprometta li jesebixxi l-fatturi mahruga mill-*Maclaren*, kif ukoll il-kuntratt li kien ghamel maghhom jekk ma jkunx qed jizvela sigrieti tan-negozju.

Mistoqsi jekk il-process kien fil-fatt wiehed ta' *assembly* u mhux manifattura, l-attur nomine irrisponda *'Jiena li gibt kien kollox skond il-licenzji li kelli u ma ghamilt xejn kontra dawn il-licenzji. Jara haddiehor xi trid issejjahlu dan il-process'*.

Wara li l-attur nomine esebixxa diversi dokumenti, kompla jixhed li tlett ijiem qabel l-elezzjoni ta' Mejju, 1987, hu kien gie mgharraf mill-Pulizija li seta' jirtira l-oggetti maqbuda d-Dwana u b'hekk hu seta' jerga' jahdem ftit granet wara. Fil-fatt kien baqa' jahdem minghajr tfixkil ta' xejn.

Iddikjara li fl-ebda xahar ma rnexxielu johrog il-mitejn *buggy* progettati tul it-22 xahar li kien ilu wieqaf, u jahdem sporadikament.

Il-ftehim ma' Anthony Zammit kien jaghtih il-fakolta` li jbiegh il-*buggies* minn hanut tieghu B'Kara, b'dana li kellu l-esklussivita` ghal dak il-lokal.

In kontro-ezami l-attur nomine qal li hu kellu tliet licenzji ta' mportazzjoni separati u li tnejn minnhom kienu gew revokati. Il-merkanzija li kienet waslet permezz ta' l-ewwel wahda lanqas ma kienet giet mahduma peress li l-Pulizija kienu waqqfuh mix-xoghol. Il-merkanzija taht it-tieni licenzja kienet giet mizmuma d-Dwana. It-tielet konsenja qatt ma ntbaghtet stante li kienet giet revokata it-tielet licenzja anke qabel ma kienet telqet.

Il-licenzja kienet inharget lilu mid-Dipartiment ta' l-Industrija, wara li hu kien ottjena dikjarazzjoni minghand il-Metalfit li ma kinux jaghmlu numru ta' *parts* bhal gogi u *fittings*, kif ukoll minghand Ellul li dan ma kienx jahdem xi oggetti tan-*nylon*.

Meta l-Pulizija kienu saqsewh jekk qatt kien iltaqa' mal-Ministru Lino Spiteri, l-attur nomine kien innega u zied ighid li hu qatt ma kien iltaqa' personalment mieghu.

**Anthony Zammit** spjega li hu kien jimporta prodotti tal-*Maclaren* sa madwar sentejn/tliet snin qabel is-seduta. Imbaghad il-licenzji ghall-importazzjoni ta' *buggies* manifatturati kienet twaqqfet u ghalhekk l-attur nomine kien ghamel arrangament mad-ditta estera sabiex jimporta l-*parts* u jghaqqadhom hawn Malta. B'hekk ix-xhud beda jixtri minghand l-attur nomine sabiex ibiegh mill-hanut tieghu, kif ukoll sabiex jiddistribwixxi lill-hwienet l-ohra. Dan peress li hu kien is-*sole distributor* ghal hawn Malta.

Fil-fatt hu kien lehaq ha elf disa' mija u erbghin *buggy* mill-ftit taht l-elfejn li kien hadem l-attur nomine li zamm xi haga zghira ghall-hanut tieghu.

Meta x-xhud xtaq li jibda jimporta *buggies* ghall-invalidi tal-*Maclaren*, hu kien gie mitlub mid-Dipartiment tat-*Trade* sabiex jottjeni l-ewwel il-*no objection* minghand il-konvenut nomine. Pero` hekk kif ix-xhud semma l-kelma

*Maclaren* lill-konvenut nomine, dan beda jghajjat u qallu sahansitra li dawk fuq is-suq kienu dahlu bi kontrabandu mill-attur nomine wara li kien hallas lill-Ministru Lino Spiteri. L-istess kien qallu li l-*buggies* kienu ta' perikolu ghaliex fl-Ingilterra kien gara kaz fejn kienet involuta tarbija.

Fil-fatt meta hu kien ipprova jiddistribwixxi u jbiegh fil-hwienet lokali l-*buggies* tal-*Maclaren* assemblati mill-attur nomine, kien hemm min minnhom li bdew jirrifjutaw li jihduhom peress li kienu semghu (b'dana li ma ridux ighidu min qallhom) li dawn kienu dahlu b'kontrabandu, u fil-fatt ma bdewx jimxu daqshekk u kien ghad baqa' ghandu erba' mija minnhom. Il-maggoranza pero` kienu hadu. Tenut kont il-kompetizzjoni, hu kkalkola li seta' jnehhi elfejn *buggy* fis-sena.

Kienu wkoll baghtu ghalih il-Pulizija u hu kien ghamel stqarrija fejn kien irrakkonta dak li kien gara meta kellem lill-konvenut nomine Publius Farrugia.

In kontro-ezami x-xhud spjega li meta kien mar fil-fabbrika ta' l-attur nomine xi darba jew sahansitra zewg darbiet sabiex jara l-process ta' *assembly*, kien osserva li x-xoghol kien jikkonsisti fi *'qtugh ta' aluminium pipes, bending ta' dawn il-pipes u assembly bil-fittings provduti lesti minn barra. Il-fittings lesti kienu r-rota, rivets, starlocks, starcaps, cone-stars, brake-unit, il-housing tar-rota; dawn il-parts jigu sfuzi fil-kwantita`*. Zied ighid li *'Taht il-ftehim li l-attur kellu ma Maclaren huwa kellu jassembilja u jiena kelli d-distribuzzjoni u bejgh esklussiv. Il-licenzja tal-attur jiena rajtha lesta'*.

Ix-xhud qal li l-konvenut nomine kien qallu li l-attur nomine kien hallas Lm5 ghal kull *buggy* lill-Ministru, cioe' Lm10,000.

Kompla jispjega li r-relazzjoni tieghu ma' l-attur nomine bdiet wara li hu ma ottjeniex il-*no objection* mill-konvenut nomine ghall-importazzjoni ta' *buggies* tad-ditta *Maclaren* minn barra. Li gara kien li x-xhud kellu l-idea li jimporta l-*buggies* f'*knocked down form* u mbaghad jigu assembiljati

hawn Malta, u wara li l-konvenut nomine ma accettax li jaghmel tali *assembly*, hu kien avvicina lill-attur nomine. B'hekk filwaqt li l-arrangament mal-*Maclaren* kien sar mix-xhud bhala agent taghhom, il-*kits* kienu jigu mportati f'isem l-attur nomine u l-hlas taghhom isir ukoll mill-attur nomine, izda mbaghad ix-xhud jirrifondi lill-attur nomine. Il-qligh ta' l-attur nomine kien ta' Lm6 ghal kull buggy *assembled*.

Darba minnhom kienu nterrogawh il-Pulizija fir-rigward ta' l-incident tat-tarbija gewwa l-Ingilterra. Pero` mbaghad kienu kitbulu il-*Maclaren* u spjegaw li dan kien sehh bhala rizultat ta' *misuse* da parti ta' l-omm u ghalhekk il-problema kienet giet rizolta ma' l-awtoritajiet inglizi.

Da parti tieghu x-xhud iddikjara li hu ma kien hallas xejn lil hadd ghall-importazzjoni tal-*kits* tal-*Maclaren* u lanqas kien jaf xejn dwar xi allegat hlas mill-attur nomine kien ghamel hekk.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk ix-xhud kienx jiftakar almenu klijent wiehed biss li kien qallu bix-xniegha tal-kontrabandu, hu wiegeb li ma setax jiftakar. Semma lil *customer* individwali armat gewwa Triq San Pawl, Valletta.

**Alfred Falzon xehed** li hu kien partner fid-ditta ta' awdituri Falzon & Falzon li kienet hadet l-inkarigu ta' awdituri tas-socjeta` attrici proprju fis-sena 1988. Fil-fatt kienu l-ewwel awdituri taghha.

Ix-xhud ghadda sabiex jesebixxi certifikat u *working sheet* li hu kien hejja u rrilaxxja fuq informazzjoni mghoddija lilu minghand l-attur nomine peress li ma setghetx tinhadem mill-kotba tan-negozju.

**Is-Supt. Angelo Farrugia** spjega li hu kien investiga rapport maghmul mill-konvenut nomine lis-superjuri tieghu, cioe` li s-socjeta` attrici kellha fil-pussess taghha diversi *parts* ta' *push-chairs/buggies* li ma kinux koperti b'licenzja u li ma thallasx dazju fuqhom. Ghalhekk hu kien ghamel *search* fil-fabbrika taghha u ccekkja l-*parts*

jekk kinux jikkorrispondu ma' dawk elenkati fil-licenzja, kif ukoll id-dokumenti relattivi (inkluz fatturi) u sahansitra kellem lil xi nies mid-Dipartiment tat-*Trade* sabiex jikkonferma l-validita` tad-dokumenti. Hu kien sab li l-licenzja kienet genwina, cioe` kienet inharget mill-awtorita` kompetenti. Imbaghad kien ghadda sabiex jaghmel rapport lis-superjuri tieghu li hu gharaf bhala Dok. Z4. Bejn 1985 u Frar, 1987, ma kien irrizulta xejn aktar sabiex hu jbiddel l-opinjoni tieghu.

Meta l-konvenut nomine kien ghamel allegazzjoni fis-sens li kienu ghaddew xi flus fil-hrug tal-licenzja, hu kien talab li din issir bil-miktub u wkoll irrapporta l-kaz lis-superjuri tieghu. Il-konvenut nomine kien ukoll ghamel allegazzjoni fir-rigward tas-*safety* tal-*buggies* mahduma mill-attur nomine. Sa kemm kien jaf hu, ma kinux ittiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut nomine ghal rapport falz.

Wara xi zmien, hu kien ircieva struzzjonijiet sabiex jgharraf lis-socjeta` attrici sabiex tiddezisti milli tkompli tipproduci *buggies* tal-*Maclaren* minn dawk il-*parts*. Pero` ma kienx jaf li l-attur kien gie mwaqqaf milli johrog *container* mid-Dwana. Sakemm kien baqa' stazzjonat mal-CID, ix-xhud ma kienx ircieva struzzjonijiet ohra fuq dak il-kaz.

Ix-xhud esebixxa kopja ta' l-istqarrija li kien ghamel
Publius Farrugia fit- 22 ta' Awissu 1985.

**Il-konvenut Alfred Farrugia** xehed li bejn il-1984-85, il-Gvern kien laqqa' lill-industrijalisti u infurmahom dwar il-*policy* ta' l-*import substitution,* cioe` dak li kien qed jigi maghmul Malta ma kellux jigi mportat. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta kienet bdiet tahdem il-*prams* u l-*buggies*. Izda wara xi xhur, missieru Publius Farrugia kien sema' li l-Ministru tal-Kummerc kien hareg licenzja ghall-importazzjoni ta' elfejn *buggy*. B'hekk hu kien kellem lill-Ministru Lino Spiteri li spjega li din il-licenzja kienet ser tinghata ghaliex is-socjeta` konvenuta kienet taghmel prodott wiehed biss ta' *buggy*. Publius Farrugia kien cahad dan u qal li kien isir aktar minn mudell wiehed u b'hekk kien baghat max-xhud u ma' huh il-mudelli fil-hanut

tal-Ministru gewwa Hal-Qormi fejn kienu jinbieghu *prams* u *buggies*. Wara li l-Ministru kien rahom hemm, beda jikkritika u sahansitra mbottahom ‘il barra mill-hanut.

Meta huma qalu lil missierhom Publius Farrugia b’dak li kien gara, dan ghamel diversi tentattivi sabiex ikellem lill-Prim Ministru. Kellem ukoll lill-Ministru Lino Spiteri li qallu li weghdu li l-*buggies* kienu ser jibqghu fid-Dwana, izda fil-fiera ta’ l-1985 huma kienu raw numru ta’ *buggies* fuq l-i*stand* ta’ l-attur nomine u sahansitra ohra fil-hwienet.

Ghalhekk kienet saret petizzjoni mill-haddiema taghhom li Publius Farrugia wassal lill-Prim Ministru. Dan qallu li jekk kien sar zball, allura dan kellu jintesa. Ghalhekk dan kien iddecieda li jaghmel rapport mal-Pulizija ghaliex il-*buggies* kienu dahlu bi kontrabandu jew kontra l-*policy* tal-Gvern.

Huwa esebixxa diversi dokumenti.

**Il-konvenut Carmelo sive Charles Farrugia** ikkonferma x-xiehda ta’Alfred Farrugia**.**

**John Camilleri Brennan** xehed li hu kien direttur ta’ l-industrija sa meta rtira fis-16 ta’ Lulju 1989. Dak iz-zmien il-*policy* tal-Gvern kienet tipprotegi l-industrija lokali, cioe` li anzi jigu nkoraggjati progetti ta’ *import substitution*. Fil-fatt kien twaqqaf il-*Import Substitution Division* fid-Dipartiment ta’ l-Industrija li l-kompitu taghha kien li jsiru vizti fil-fabbriki, l-aktar meta kienet issir sottomissjoni ta’ progett ta’ manifattura sabiex jigi accertat li l-oggetti kienu ser ikunu ta’ kwalita` kompetittiva u ta’ materjal tajjeb u kienet tinghata wkoll konsiderazzjoni ghall-prezz. Sottomissjonijiet lid-Dipartiment tat-*Trade* ghall-importazzjoni ta’ oggetti kienet ukoll tigi regolata minn din id-divizjoni li kienet taccerta wara vizta li l-prodott ma kienx isir diga` Malta. Id-Dipartiment kien ukoll joqghod attent li l-prodott ta’ importazzjoni prospettata ma kienx ser ikun f’*kit form*, altrimenti kien ikun rikonoxxut bhala prodott lest. Fil-fatt kien jinghata kaz ghall-valur mizjud lill-prodott. Imbaghad id-decizjoni tad-Dipartiment ta’ l-Industrija kienet torbot lid-Dipartiment tat-*Trade* li kienet

tikkomunika lill-applikant l-accettazzjoni jew ir-rifjut tal-licenzja mitluba.

Ghal dak li kien jirrigwarda n-negozju tas-socjeta` konvenuta, din kienet *an aided industry* skond il-lista mahruga mill-MDC u ghalhekk kienet ezentata mid-dazju fuq l-importazzjoni ta' *parts*. Il-kumpanija attrici ma kenitx fuq din il-lista.

**Salvino Portughese** ddikjara li sal-1989, hu kien okkupa l-kariga ta' *Head of Import Substitution Section* fid-Dipartiment ta' l-Industrija. Il-*policy* tal-Gvern kienet tipprotegi dak kollu li kien isir Malta billi rrestringiet l-importazzjoni ta' oggetti partikolari. Dawk l-azjendi mghejjuna mill-istat kienu jkunu jafu min huma minghand il-MDC jew minghand il-Pulizija. Id-Dipartiment tieghu u mbaghad il-MDC kienu dak iz-zmien johorgu lista ta' produtturi lokali, b'indikazzjoni tal-prodotti taghhom. Problemi bejn l-importaturi u manifatturi kienu jinqalghu bosta u d-Dipartiment kien jinvestiga.

Il-procedura ghal licenzja ta' importazzjoni qabel 1987, kienet tirrikjedi li wiehed jintavola applikazzjoni mad-Dipartiment tat-*Trade*. Dan imbaghad kien ighaddiha lid-Dipartiment ta' l-Industrija sabiex tigi vettjata u tintbaghat lura b'timbru *locally manufactured by …* jew *not locally made*, b'dana li d-Dipartiment tat-*Trade* seta' ma joqghodx fuq ir-rakkomandazzjoni ta' dak id-Dipartiment. Fil-fatt kien hemm kazi rari fir-rigward ta' rakkomandazzjoni li l-oggett kien jigi manifatturat hawn Malta, fejn dan kien gara. Pero` bhala regola generali kienu jaccettaw ir-rakkomandazzjoni u fil-kaz ta' *not locally made*, dejjem accettaw anke jekk kien hemm zball.

Min-naha taghhom huma kienu jaghmlu vizti fil-fabbriki sabiex jaraw il-produzzjoni personalment, jaghmlu nota tal-haddiema mpjegati fl-azjenda, il-kwantita` ta' makkinarju nvolut u sahansitra jigbru mudelli ghall-laboratorju ta' l-i*standards*.

Fil-kaz tas-socjeta` konvenuta, kienu saru xi vizti anke mix-xhud stess. Dawn kellhom linja ta' produzzjoni u

numru sostanzjali ta' haddiema. Pero` hu qatt ma kien mar ghand is-socjeta` attrici, b'dana li d-Dipartiment kien irrizultalu li dawn kellhom numru zghir ta' haddiema, cioe` madwar nofs tuzzana.

Ghal dak li kien jirrigwarda d-dimarkazzjoni bejn *assembly* u manifattura ta' *pushchairs* u *buggies*, ix-xhud spjega li jekk l-oggetti jigu sfuzi u jigu mmuntati biss, dan jitqies bhala *assembly* u mhux protett. Pero` jekk il-vireg iridu jigiu mmanifatturati, maqtugha jew ippolixxjati, jew hemm bzonn li jsiru l-ingletti jew hjata ta' drapp, dan allura jitqies bhala manifattura.

**Carmelo Farrugia** qal li fil-1984/5 hu kien president tal-FOI u kien ukoll involut fil-kumitat imwaqqaf mill-Gvern bejn id-Dipartiment ta' l-Industrija u l-FOI sabiex iharsu l-industrija u jaghmlu rakkomandazzjoni fir-rigward tal-progress taghha.

Il-FOI kienet issostni li sabiex wiehed jaghzel bejn industriji veri u ohrajn li ma kinux, kellu jigi stabbilit kriterju, u dan kellu jkun il-*value added*. B'hekk wara diskussjonijiet varji, irnexxielha tistabbilixxi li jekk il-valur mizjud ta' l-oggett ikun anqas minn hmistax fil-mija tal-prezz, allura l-industrija ma setghetx titqies bhala wahda protetta. Illum il-kriterju kien ta' hamsa u ghoxrin fil-mija. Dan kien jigi stabbilit permezz ta' *accountant* mill-figuri tal-kumpanija.

Is-socjeta` konvenuta kienet giet meqjusa bhala *highly aided* sa minn 1968/69. Pero` x-xhud ma kien jaf xejn dwar is-socjeta` attrici.

**Martin Gauci** qal li hu kien *general manager* tas-socjeta` Metalfit Ltd ta' Attard u din kienet taghmel *metal fittings*. Bhala konsegwenza tal-*policy* tal-Gvern ta' l-*import substitution*, fis-snin tmenin kienu rrikorrew diversi negozjanti ghandhom sabiex jahdmulhom diversi *metal fittings*, inkluz is-socjeta` konvenuta.

Ftakar ukoll li kien mar ghandhom l-attur nomine, pero` huma ma setghux jahdmulu x-xoghol peress kien hemm

bzonn li jigi mportat il-materjal u bil-kwantita` zghira li ried l-attur nomine dan ma kienx ser ikun vijabbli.

**Ignatius Azzopardi** xehed li hu kellu l-kariga ta' Principal Officer mad-Dwana. Fil- 1985 hu kien Releasing Officer.

Spjega li fis-26 ta' Mejju 1985, kienu waslu *container full-load* u iehor *groupage* ghas-socjeta` attrici abbord MV Kalkara. Mid-dokumenti esebiti minnu ma kienx irrizulta li xi *container* kien inzamm id-Dwana, b'dana li hu ma kienx ghamel *search* ezawrjenti.

**Tonio Montesin**, rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana, iddikjara li hu kien sab biss dawk id-dokumenti esebiti mix-xhud Ignatius Azzopardi. Ma kien sab xejn dwar zamma ta' *containers*, pero` ma eskludiex li dan kien sehh.

**L-Onor. Lino Spiteri** qal li bejn Settembru 1983, u Mejju 1987, hu kien Ministru tal-Kummerc. F'dan iz-zmien kienet qeghda tigi applikata mill-Ministeru tal-Kummerc u mill-Ministeru ta' l-Industrija, l-*import substitution policy* fejn l-importazzjoni kienet tigi mizmuma jew kontrollata sabiex il-prodott isir Malta. Din il-*policy* kienet applikabbli wkoll ghal *pushchairs, buggies, prams, etc*. L-ahhar kelma kienet tkun dik tal-Ministeru tal-Kummerc, u dan ghaliex il-*policy* kellha tigi mplimentata minnu u l-Ministeru ta' l-Industrija kien biss konsulent, ovvjament b'hafna piz.

Mistoqsi jekk kienx jaf xi haga fir-rigward tal-kaz odjern, ix-xhud irrefera ghall-*file*. Wara ittra ta' Publius Farrugia lill-Prim Ministru Mifsud Bonnici tat-12 ta' Lulju 1985, hu kien qabbad lid-Dipartiment tal-Kummerc sabiex jaghmel investigazzjoni u ghadda sabiex jirrispondi lill-Prim Ministru.

Ghal dak li kien jirrigwarda l-kaz tas-socjeta` attrici, ix-xhud qal li kienu saru xi investigazzjonijiet mid-Dipartiment u l-licenzji kienu wkoll gew sospizi peress li irrizulta li kien qed isir *assembly* u mhux manifattura. Pero` ma kinux ittiehdu xi passi legali kontrihom abbazi ta' tali investigazzjonijiet.

Personalment ix-xhud kien qed jiltaqa’ ma’ l-attur nomine ghall-ewwel darba dakinhar tas-seduta.

Fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu l-attur nomine qieghed isostni li ghall-fini tal-ligi taghna hu bizzejjed li n-notizji mxerrda minn kummercjant fil-konfront ta’ kummercjant iehor ikunu saru ghal skop ta’ konkorrenza u li jistghu jaghmlu hsara lill-industrija jew kummerc tal-kummercjant l-iehor – ma kienx necessarji l-falsita’ ta’ tali notizji u jaghmel riferenza ghal numru ta’ sentenzi f’dar-rigward.

Ghal dak li kien jirrigwarda r-responsabbilita’ tal-konvenuti nomine, l-attur nomine ghamel riferenza ghax-xiehda moghtija minn Anthony Zammit fis-seduta tat- 12 ta’ Dicembru, 1988. Hu rrileva wkoll li l-fatti in essenza ma kinux gew kontestati mill-konvenuti nomine. Imbaghad il-gustifikazzjonijiet taghhom ma kinux jiswew stante li l-gurisprudenza ma kenitx tirrikjedi li n-notizzji kellhom ikunu foloz. Ukoll, mix-xiehda ta’ l-Ispettur Angelo Farrugia kien irrizulta li l-licenzja mahruga mid-Dipartiment tal-Kummerc kienet valida u ghalhekk lanqas proceduri kriminali ma kienu ttiehdu fil-konfront ta’ l-attur nomine. Ix-xhud Onor. Lino Spiteri qal li ma kienx hemm gustifikazzjoni ghat-tehid ta’ passi legali kontra l-istess attur nomine, lanqas li jigu msejha l-Pulizija fil-kaz.

Fir-rigward tal-likwidazzjoni ta’ danni, l-attur nomine ghamel riferenza ghax-xiehda ta’ Anthony Zammit moghtija fis-seduta tal-11 ta’ Dicembru, 1987, kif ukoll ta’ l-awditur Alfred Falzon moghtija fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru, 1988. B’hekk kien irrizulta li l-attur sofra danni konsistenti f’telf ta’ tmintax-il elf u erba’ mitt liri Maltin (Lm18,400).

Fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha s-socjeta` konvenuta tghid li l-konvenut nomine Publius Farrugia kien ghamel dak li hu rapport in buona fede ma’ l-awtoritajiet kompetenti sabiex jiddefendi l-industrija u negozju tieghu, u ma xerred l-ebda xnigha falza. Is-socjeta` konvenuta taghmel ukoll riferenza ghal-ligi tad-defamazzjoni u l-

privilegg applikabbli wkoll ghal rapporti maghmula lill-Pulizija. Il-principju applikabbli ghal dik is-sitwazzjoni kien *Qui sue jure utitur, neminem ledet*, cioe` persuna li tagixxi fl-esercizzju legittimu tad-drittijiet taghha ma setghetx tigi ritenuta responsabbli ghad-danni. U hawn ukoll taghmel riferenza ghall-art. 1030 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad ukoll li wara kollox l-ebda passi ma ttiehdu kontra Publius Farrugia abbazi ta' rapport falz u, filwaqt li l-protest gudizzjarju kien sar kontrih, il-kawza odjerna kienet saret sahansitra kontra s-socjeta` konvenuta ghal gwadann finanzjarju akbar.

Fir-rigward tal-piz u l-grad tal-prova, is-socjeta` konvenuta sostniet li tenut kont tan-natura penali tal-ligi u sahansitra l-attur nomine jsejjahlu 'delitt kummercjali', il-prova ghandha tkun ta' certezza morali ekwivalenti ghal *beyond reasonable doubt*. Imbaghad is-sentenzi citati mill-attur nomine stess kienu jindikaw li kien hemm bzonn l-intenzjoni specifika.

Is-socjeta` konvenuta sostniet li s-socjeta' attrici kienet involuta fl-*assembly* u mhux manifattura ta' *buggies*. Dan kien qed jikkrea pregudizzju fil-konfront taghha u anke fil-konfront tal-haddiema taghha. B'hekk bir-ragun li Publius Farrugia kien mar jaghmel rapport ma' l-awtoritajiet kompetenti. Meta l-Ispettur Angelo Farrugia kien mar fuq zjara fil-fabbrika, kien ra l-post fejn kien qed isir *assembly* ta' *buggies* minn *kit form*. Dan ikkonfermah l-Onor. Lino Spiteri fix-xhieda tieghu. Ukoll il-*parts* hemm kienu jaqblu mal-licenzja li allura kien jindika li ma kienx hemm *buggies* mizmuma. Fil-fatt ix-xiehda ta' l-attur nomine meta hu qal li kienu nzammewlu elfejn *buggy*, lanqas kienet veritjera ghaliex Anthony Zammit kien xtara 1940 minghandu. Ukoll kemm l-attur noe, kif ukoll l-Ispettur Angelo Farrugia u r-rapprezentant tad-Dwana ma qalux liema licenzji kienu mizmuma. Kompliet tghid is-socjeta` konvenuta li wara kollox kienu l-awtoritajiet kompetenti li zammew l-licenza ta' l-importazzjoni lis-socjeta` attrici, u zgur la darba hadu tali azzjoni huma kellhom ragunijiet validi.

Ghal dak li kien jirrigwarda d-danni, is-socjeta` konvenuta ssottomettiet li l-kalkoli tax-xhud Alfred Falzon ma

kellhomx jigu accettati. Dan l-awditur kien qaghad biss fuq it-taghrif li kien ghaddielu l-klijent tieghu.

Din il-kawza essenzjalment tirrigwarda kwistjoni ta' konkorrenza sleali allegatament ipprattikata mill-konvenuti nomine fir-rigward ta' l-attur nomine, u dan bi ksur tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 17 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi:

**'Il-kummercjanti ma jistghux, ghal skop ta' konkorrenza, ixerrdu notizzji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrja jew kummerc ta' kummercjanti ohra'.**

L-attur nomine qieghed isostni li hu sofra danni meta l-konvenut Publius Farrugia nomine kien xerred diversi xnighat foloz fil-konfront tieghu bhala manifattur ta' *pushchair buggies* tal-marka *Maclaren* taht licenzja moghtija mis-socjeta` ngliza *Andrew Maclaren Ltd*. Imbaghad fin-nota ta' osservazzjonijiet finali tieghu, l-attur nomine sostna li *'minghajr l-ebda pregudizzju ghall-kontenzjoni tal-attur nomine fis-sens illi n-notizji imxerrda fil-konfront tieghu mill-konvenuti nomine kienu foloz'* il-ligi ma kinitx tirrikjedi li n-notizzji mxerrda kienu foloz, u dan abbazi tal-gurisprudenza kkwotata minnu, u cioe`

***Joseph Scicluna noe vs Frank Cachia noe*** moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Marzu 1987, Kollez. Vol. LXXI.III.741
***Edward Vincenti Kind pro et noe vs Joseph Manche` pro et noe*** moghtija mill-istess Qorti fil-10 ta' Dicembru 1957, Kollez. Vol. XLI.III.1259
***Luog. Kur. George Curmi O.B.E. noe vs Spiridione L. Mizzi noe et*** moghtija mill-istess Qorti fit-18 ta' Ottubru 1957, Kollezz. Vol. XLI.III.1244
***Edward Vincenti Kind vs Carmelo T Borg*** mill-istess Qorti fis-6 ta' Dicembru 1954, Kollezz. Vol. XXXVIII.III.740

Pero` qabel wiehed jasal ghall-kwistjoni tal-falsita` o meno, ghandu jigi ezaminat jekk l-attur nomine pprovax t-tixrid ta' notizji mill-konvenut nomine Publius Farrugia.

L-uniku xhud li hu tella' in sostenn ta' l-argument tieghu hu Anthony Zammit. Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1987, dan ix-xhud iddeskriva kif kien imur ibiegh u jiddistribwixxi l-*buggies*, u jsib li xi hwienet kienu qeghdin jirrifjutaw li jehduhom ghaliex kienu semghu li dahlu b'kontrabandu u ghaliex kien ixxahham Ministru, u wkoll li l-Pulizija kienu ser jigbruhom. L-istess klijenti ma xtaqux jizvelaw min kien qalilhom dwar din il-kwistjoni. Ghalhekk il-*buggies* kienu bdew jimxu b'rata mnaqqsa u x-xhud kien baqa' b'erba' mitt *buggy* minn elf disa' mija u erbghin *buggy* li kien ha minghand l-attur nomine, ammont ta' madwar ghoxrin fil-mija (20%) li wiehed irid iqis ukoll il-fatt li mbaghad inqalghet il-kwistjoni. Izda zied ighid ukoll li l-maggoranza taghhom kienu xtraw minghandu. B'dana li x-xhud ma setax jiftakar almenu isem wiehed tal-klijenti regolari tieghu li ma kinux hadu x-xnigha tal-kuntrabandu bis-serjeta`, u semma' biss certu Attard armat fi Strada San Paolo, il-Belt.

B'hekk l-uniku xhud ta' l-attur nomine jibqa' vag u incert dwar l-identita` tal-persuni minghand min sema' n-notizzji allegatament mxerrda mill-konvenut nomine Publius Farrugia – tassew inkomprensibbli meta wiehed iqis li dawn kienu l-istess persuni li fuqhom kien jiddependi n-negozju tieghu ghall-bejgh ta' *buggies*.

Ghandu jinghad ukoll li meta wiehed jasal sabiex jevalwa x-xiehda ta' din il-persuna, irid izomm f'mohhu li fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1987, spjega li hu kien *sole distributor* tal-*buggies* tad-ditta *Maclaren* hawn Malta meta kienet twaqqfet l-importazzjoni taghhom ghall-habta ta' 1984/5. Ghalhekk skond ix-xiehda tieghu moghtija fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 1988, kien hareg bl-idea li jimporta l-*buggies* f'*knocked down form* u mbaghad jigi assembiljati hawn Malta. B'hekk hu kien avvicina lill-konvenut nomine Publius Farrugia li ma kienx accetta, u mbaghad kien avvicina lill-attur nomine u dahlu f'negozju bejniethom fejn Anthony Zammit kien jaghmel l-arrangamenti mal-*Maclaren* bhala l-agent taghhom u jigu mportati mill-attur nomine. Zgur li dan ix-xhud kien aktar sensittiv lejn il-kwistjoni bejn il-partijiet.

Min-naha l-ohra, jirrizulta ampjament pruvat il-fatt li l-konvenut Publius Farrugia nomine kien ghamel rapporti ma’ l-awtoritajiet kompetenti dwar l-allegat nuqqas ta’ licenzja u perikolu ta’ l-oggetti mahduma mill-attur nomine.

Fis-seduta tad-29 ta’ Novembru, 1988, xehed is-Supt. Angelo Farrugia fejn qal li hu kien investiga rapport maghmul mill-istess konvenut nomine lis-superjuri tieghu, fejn kien gie allegat li ma kienx thallas dazju fuq diversi *parts* ta’ *push-chairs/buggies*, li l-istess ma kinux koperti b’licenzja ta’ importazzjoni, u sussegwentement kien ukoll gie allegat li kienu ghaddew xi flus ghall-hrug tal-licenzja mid-Dipartiment tat-Trade u il-kwistjoni tas- *safety* taghhom.

Fis-seduta tal-21 ta’ Marzu 1996, l-Onor. Lino Spiteri xehed li meta kien Ministru tal-Kummerc bejn Settembru 1983, u Mejju 1987, u kien ircieva kopja ta’ l-ittra tat-12 ta’ Lulju 1985, mibghuta mill-konvenut nomine Publius Farrugia, hu kien qabbad lid-Dipartiment tal-Kummerc sabiex jinvestiga u mbaghad hu wiegeb lill-Prim Ministru.

Pero` rapport ma’ l-awtoritajiet kompetenti ma jistax jitqies bhala tixrid ta’ notizzji kif kontemplat fis-subart. 34(1). It-tixrid ta’ notizzji tirrikjedi l-pubblicita` ta’ tali notizzji, izda l-kontenut ta’ rapport hu limitat ghall-persuna jew awtorita` lil min sar. Jekk imbaghad lill-attur nomine kien jidhirlu li tali rapporti kienu ppregudikawh b’xi mod, hu kellu via ohra x’jaqbad u mhux dik odjerna.

Ghaldaqstant din il-Qorti mhijiex tal-fehma li t-talbiet attrici jistghu jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------